MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 66/2013

Noel **BELLIA** u martu Rita Bellia

vs

Francesco **FRENDO**, Joseph Frendo, Carmelo Frendo u Noel Grech

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq fl-24 ta' Jannar, 2013, li bih l-atturi ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti (i) tordna lill-imharrkin sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju li tiffissalhom il-Qorti, jhallu access hieles lill-atturi kemm bil-passagg u kif ukoll dak li llum huwa ekwivalenti ghall-passagg "*equestre*" u jigifieri passagg bl-ingenji fil-wisgha u tat-tul li jista' jkun stabilit minnha, jekk mehtieg, bil-hatra

ta' perit tekniku; u (ii) zzomm lill-imharrkin milli b'xi mod ifixklu lill-atturi milli jinqdew bil-bir li jinsab fl-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Qoghdi", fil-limiti tan-Naxxar. Talbu wkoll l-ispejjez;

Rat li l-imharrkin ilkoll laqghu n-notifika tal-atti tal-kawza u tal-Avviz tas-Smiegh, izda hadd minnhom ma ressaq Twegiba Mahlufa dfiz-zmien lilhom moghti mil-ligi;

Rat li l-imharrkin Francesco Frendo u Joseph Frendo naqsu li jidhru quddiem il-Qorti waqt is-smigh tal-lum, u b'hekk baqghu kontumaci;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-atturi waqt is-smigh tal-lum li biha gharraf lill-Qorti li ghadhom jinsistu fuq it-talbiet taghhom u joqoghdu fuq il-provi li diga jinsabu fl-atti tal-kawza;

Rat in-nota mressqa mill-avukat Massimo Vella f'isem l-imharrkin Carmelo Frendo u Noel Grech waqt is-smigh tal-lum li biha ammettew it-talbiet attrici kif dedotti u bil-ftehim mal-atturi li ma jitolbuhomx ihallsu sehem mill-ispejjez tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi kemm fil-kontumacja tal-imharrkin Francesco u Joseph Frendo u mill-ammissjoni tal-imharrkin l-ohrajn Carmelo Frendo u Noel Grech it-talbiet attrici huma tajbin;

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tordna lill-imharrkin biex, sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum millum, jaghtu access shih u hieles lill-atturi bil-passagg jew moghdija tal-wisgha u tat-tul li jirrizultaw fil-pjanta markata "X" mehmuza mal-kuntratt pubbliku tal-14 ta' Mejju tas-sena elfejn u wahda (2001),[1] u li jinsab fl-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Qoghdi",

[1] Fl-atti tan-Nutar John Spiteri (Dok 'A', f'pagg 4 – 8 tal-process.

li tinsab fil-limiti tan-Naxxar, u kif ahjar imfissra fl-isemmi kuntratt pubbliku;

**Tilqa' t-tieni talba attrici** u torbot lill-istess imharrkin biex bl-ebda mod ma jilqghu jew izommu lill-atturi billi jinqdew bil-bir li jinsab fl-istess imsemmija ghalqa; u

**Tikkundanna** lill-imharrkin Francesco Frendo u Joseph Frendo biex ihallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------